QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 958/2019 JVC**

**Judas Taddeo sive Teddy Steer**

**vs**

**Michael Ciantar u Redent Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrent Judas Taddeo sive Teddy Steer kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-esponenti huwa proprjetarju tal-flat numru tlieta fi blokk bla numru bl-isem Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun;

2. Illi l-imsemmi fond gie koncess b'titolu ta' emfitewsi favur Anthony Zammit ghal wiehed u ghoxrin (21) sena dekorribbli mit-tletin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmenin (30.01.1980);

3. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat nhar il-hamsa ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (05.05.1989) l-istess Anthony Zammit ceda d-drittijiet tieghu u l-esponenti kkostitwixxa de novo cens temporanju iehor favur l-intimat Michael Ciantar l-utile dominju temporanju ghal wiehed u ghoxrin sena (21) fuq il-flat numru tlieta fi blokk bla numru bl-isem Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun u dan skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok A;

4. Illi sa qabel ma ntemmghet din il-koncessjoni emfitewtika fis-sena elfejn u ghaxra (2010), l-intimat Michael Ciantar ma baqghax jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni bhala r-residenza ordinarja tieghu;

5. Illi mhux hekk biss, huwa ppermetta lill-intimat l-iehor Redent Ciantar jghix f'din ir-residenza b'mod abbuziv;

6. Illi ghalhekk l-intimat Redent Ciantar jehtiegu li jizgombra mill-fond imsemmi personalment flimkien mal-effetti personali taghhom u dan ghar-ragunijiet imsemmija;

7. Illi l-intimati baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet;

8. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti qieghed jinvoka il-provvedimenti tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinqata' bid-dispensa tas-smiegh u dan ghaliex sa fejn jaf hu l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu fil-konfront tat-talbiet tal-istess rikorrenti ghal-izgumbrament mill-fond imsemmi, li jidhru hawn iktar l'isfel;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan ai termini tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, kif intqal fuq;

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimati u l-effetti personali taghhom mill-flat numru tlieta fil-blokk bla numru bl-isem Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess l-attur talab li l-kawza tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone datat 5 ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989);

Rat illi z-zewg intimati gew debitament notifikati;

Semghet lil intimat Michael Ciantar illum stess bil-gurament illi kkonferma li huwa ma jghix fil-Flat numru 3 fil-Blokk bla numru bl-isem Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun u ilu ma jghix f'dan il-Flat sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010);

Rat li Redent Ciantar ghalkemm debitament notifikat imsejjah diversi drabi ma deherx.

Rat il-kuntratt esebit illum fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone datat l-10 ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989), li jikkonferma li r-rikorrent huwa s-sid tal-Flat numru 3, Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun;

Rat illi l-jeddijiet moghtija permezz tal-kuntratt datat 5 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) gew fi tmiemhom fis-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti u l-kontenut tal-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, taghddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tilqa';

1. L-ewwel talba u taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan ai termini tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-izgumbrament tal-intimati u l-effetti personali taghhom mill-Flat numru 3 fil-blokk bla numru bl-isem Carmage Buildings, Triq San Vincenz, Hamrun u timponi terminu massimu ta' xahar millum sabiex dan isir;

Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Marzu 2020**